# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## CITTÀ FERDINAND

## MINUTI – LAQHAT TAL-KUNSILL

## SEDUTA NRU 219 – Il-Hamis, 6 ta' Mejju 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 20, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fil-5:45pm.
Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci ippresieda.

**PREŻENTI**

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera Rita Psaila
Il-Kunsillier Joseph Sammut (daħal fis-7:00pm)
Il-Kunsillier Jesmond Tanti (daħal fis-6:30pm)
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo (daħal fis-6:45pm)

Uffiċċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Nicholas Baldacchino

**TALBA**
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

**1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**
Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 218 ikunu approvati bħala dokument korrett.
Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda.
Il-Kunsill unanimament qabel li japprova dan id-dokument bħala wieħed korrett.

**2. PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI**

**2.1 *Ground* tal-*Football***
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li kellu diversi laqgħat mal-assistenti Diretturi tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, is-sur Cleavon Vella u s-sur Silvio Frendo, u li dawn ma sabu l-ebda oġġezzjoni għall-kuntratt, il-ftehim jista' jiġi iffirmat. Is-Sindku ippropona li għandna niffirmaw il-kuntratt u jsir l-ewwel pagament ta' €8,000 mill-aktar fis possibli.
Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**2.2 Boroż recycling (LCS 53/9)**
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien għadu qed jistenna din il-*quote.*

**2.3 Triq ta' Bur il-Kbir**

Is-Sindku qal li kien infurmat li Bonnici Brothers Group mistennija li jkomplu x-xogħlijiet imsemmija fil-jiem li ġejjin.

**2.4 Talba dwar il-gabbani tal-Festa**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva diversi ilmenti mingħand il-membri tal-Għaqda tan-Nar li bil-gabbani l-ġimgħa kollha tal-festa fuq iż-żewġ naħat ta' Triq Nikola Saura, ma jkunux jistgħu jgħaddu bit-trailer tagħhom.

Is-Sindku ikkonferma li huwa wkoll kien irċieva dawn l-ilmenti u ippropona li l-pjan jibqa' kif kien approvat fl-aħħar seduta, imma fi Triq Nikola Saura jitpoġġew biss gabbani fuq naħa waħda u għalhekk kompla jipproponi li nneħħu l-gabbani min-naħa waħda ta' Triq Saura u jinżlu fis-*service road* ta' Triq Mons Mikiel Azzopardi. Dan suġġett għal *site insepection* mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Fil-każ li dan ma jkunx possibli tissejjaħ laqgħa urġenti tal-Kunsill. Il-Viċi-Sindku issekonda.

| | |
|---|---|
| Voti favur: | Robert Musumeci u Karol Aquilina |
| Vota kontra: | 0 |
| Astensjonijiet(2) | Nicholas Cassar u Rita Psaila. |

**2.5 Talba għal un/loading bay fi Pjazza San Nikola**

Is-Sindku qal li kien kellem lis-sid u dan min-naħa tiegħu irtira din it-talba.

## 3. FINANZI

**3.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt, jiġu approvati kif inhuma.

Tqajjem il-punt mill-Viċi-Sindku fuq il-ħlas ta' €5,308.58 lil Transport Malta dwar avviżi li dehru fil-gazzetti meta kienet qed tissewwa Triq l-Imqabba, skont avviż legali 29 tal-2010, paragrafu 4.

Il-Viċi-Sindku ippropona li dan il-kont m'għandux jitħallas għalissa u għandna niktbu lil Transport Malta biex nuru d-diżapprovazzjoni tagħna u kompla jippropona li l-pagamenti l-oħrajn għandhom jitħallsu. Il-Kunsillier Dr Mark A Vassallo issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:
Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

# 4. KUNTRATTI

## 4.1 Customer Care Support Clerk

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li skont memo 27/08 , il-Kunsill ma setax jerġa' jġedded dan il-kuntratt, u billi l-Kunsill f'seduta 207 tal-11 ta' Mejju, 2009 kien irriżolva li jitlob li jimpjega persuna oħra fuq bażi parti time, id-dipartiment wieġeb li tista' ssir sejħa interna għal skrivan/a customer care part time. Huwa qal li għalhekk il-Kunsill jista' jagħmel sejħa interna fi skala 13, bil-persuna li tintgħażel trid tkun lesta li taħdem minimu ta' 20 siegħa fil-ġimgħa mifruxin fuq ħamest'ijiem li jinkludu s-Sibt, u li jkolli l-kwalifiċi neċessarji jew tliet snin esperjenza filgrad ta' skrivan/a (skala 15), Customer Care Support clerk.

Is-Sindku ipppropona li għandna noħorġu din is-sejħa.
Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu**.**

## 4.2 Third Party Insurance LCS02/94/1

Is-Segretarju Eżekuttiv qalli l-kuntratt tal-insurance third party, equipment, building, etc kif speċifikat mill-Awditur kien se jagħlaq fil-25 ta' Mejju, 2010. Il-prezz huwa ta' €2,184.00.

Is-Sindku ippropona li għandna nġeddu dan il-kuntratt.
Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 4.3 Medical Insurance 26/99/1

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-assikurazzjoni medika tal-istaff u tal-kunsilliera barra dik tal-Viċi-Sindku kienu se jiskadu fil-31 ta' Mejju, 2010.
Is-Sindku ippropona li għandna nġeddu din l-assikurazzjoni.
Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondiet.
Il-Kunsill qabel wara li saret votazzjoni bl-eżitu tagħha jkun:

| | |
|---|---|
| Voti Favur | (6) |
| Voti Kontra | (0) |
| Astensjoni | Dr Karol Aquilina |

# 5. MOZZJONIJIET

## 5.1 Mozzjoni dwar il-barriera fi Triq il-Għid kantuniera ma' Triq Ramija u Triq Pawlu VI

Il-mozzjoni taqra:-

"Qiegħed inressaq din il-mozzjoni dwar il-barriera li hemm fi Triq l-Għid;

"Minkejja li l-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina kien ressaq mozzjoni dwar l-istess suġġett, u li l-Kunsill kollu kien approva, u li f'dik il-mozzjoni konna ktibna lill-MEPA u l-awtoritajiet konċernati dwar din il-barriera, u anki wara li l-Viċi-Sindku kien ta' konferenza stampa qrib il-post;

"jidher li minkejja kollox, l-affarijiet baqgħu kif kienu, b'detriment għas-saħħa tar-residenti ta' dawk l-inħawi;

"għalhekk, qed nerġa' nressaq din il-mozzjoni sabiex tkompli ssir pressjoni fuq l-awtoritajiet u bħala Kunsill nisħqu li fin-nofs hemm is-saħħa taċ-ċittadini Siġġiwin;

"qed inressaq din il-mozzjoni bi skop ġenwin peress li nemmen li aktar ma nippressaw, aktar inkunu qegħdin nagħtu kontribut siewi lin-nies li nirrappreżentaw;

"u għalhekk nitlob biex din il-mozzjoni tiġi approvata u nissuġġerixxi li ssir konferenza stampa fuq il-post mill-Kunsill kollu."

Il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsilliera Rita Psaila.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li minħabba diversi żviluppi li seħħew f'dawn l-aħħar ġranet, huwa kien se jirtira l-mozzjoni tiegħu.

**5.2 Mozzjoni dwar l-użu tal-alkoħol fi żmien tal-Festa**

Il-Kunsillier Dr Mark A Vassallo talab il-permess tal-Kunsill biex iressaq din il-mozzjoni issekondata mill-Viċi Sindku Dr Karol Aquilina. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni biex titressaq din il-mozzjoni.

Il-mozzjoni taqra:-
"Peress li huwa fatt magħruf li l-alkoħol jagħmel ħsara, meta jixtorob bla kontroll jew inkella f'ammonti eċċessivi għal żmien qasir magħruf bħala *binge drinking*, kemm ħsara fiżika kif ukoll mentali;

"U peress li huwa fatt magħruf li fil-jiem tal-festa ta' San Nikola il-każini u *bars* fil-pjazza jarmaw f'postijiet aċċessibli għal kulħadd fejn l-aktar li jkun prominenti huma flixken ta' xorb alkoħoliku;

"U peress li fil-passat il-Kunsill Lokali Siġġiewi kien diġà wera l-preokupazzjoni f'dan ir-rigward, għaldaqstant il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' llum 6 ta' Mejju 2010, jirriżolvi li formalment joġġezzjona bil-qawwa għall-amrar ta' dawn it-tipi ta' *bars* fl-apert li jkunu aċċessibli għal kulħadd fil-jiem tal-festa meta l-pjazza u l-madwar jkunu miżgħuda biż-żgħażagħ u tfal;

"u jesiġi li xorb alkoħoliku għandu jinbiegħ biss minn ġewwa l-każini, *bars*, u dawk il-ħwienet li huma liċenzjati għal bejgħ ta' xorb alkolħoliku."

Kopja ta' din il-mozzjoni għandha tintbagħat lill-Ministru tas-Saħħa Dr Joseph Cassar, lis-Segretarju Parlamentari s-sur Mario Galea, lill-Assistent Parlamentari fil-Ministeru tas-Saħħa, Dr Peter Micallef u l-każini u s-sidien tal-bars fis-Siġġiewi."

Wara diskussjoni, il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo qal li kien temporanjament se jirtira l-mozzjoni biex tkun tista' tiġi diskussa f'seduta oħra.

# 6 ĦWEJJEĠ OĦRAJN

## 6.1 Talba għal żewġ toqob fil-Pjazza

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva talba mingħnad l-Arċipriet Fr Albert Buhagiar biex il-Grupp tal-Armar jagħmel żewġ toqob għal bandalori biswit il-latrina (pjanta annessa).
Is-Sindku ippropona li din it-talba għandha tiġi milqugħa.
Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6.2 Ħsarat bil-maltemp f'Għar Lapsi

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda rapport magħmul minn uffiċċjali tal-MRRA fejn qed jissuġġerixxu li jsir *bolting* mal-blat tal-faċċata. Billi dan jinvolvi spejjeż kbar huwa talab lill-istess Ministeru għall-*Bills of Quantities*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien talab tliet kwotazzjonijiet għal xogħlijiet ta' tiswija tal-bankini u tindif mill-blat li waqa' fl-istess bajja. Is-Sindku qal li għandna nilqgħu l-irħas waħda fil-prezz, dik ta' Nicholas Farrugia.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6.3 Ħarġa Kulturali

Il-Kunsilliera Rita Psaila ipproponiet li f'Ġunju ssir ħarġa kulturali u rikreattiva għal Għawdex Din tkun *self-financed.*

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6.4 Esibizzjoni tal-għasir tal-għeneb

Il-Kunsillier ippropona li f'Awwissu ssir esibizzjoni fil-pjazza marbuta mal-għasir tal-għeneb u li l-Kunsill għandu jivvota s-somma ta' €1,400 għal din il-attività.
Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6.5 Twaħħil ta' mirja

Il-Kunsillier Nicholas Cassar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li minħabba l-periklu għandna nikkunsidraw id-deċiżjoni li ttieħdet fl-aħħar seduta dwar il-mirja li jsiru fil-kampanja.
Il-Viċi-Sindku ippropona li meta ssir talba, qabel tittieħed id-deċiżjoni, għandha tintalab l-opinjoni tal-*Works Manager*.
Il-Kunsillier Nicholas Cassar emfasizza li d-deċiżjoni finali tibqa' tal-Kunsill u mhux tal-*Works Manager*.
Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6.6 Tabella fi Triq kantuniera ma' Triq Dottor Nikola Zammit.

Il-Kunsilliera Rita Psaila ipproponiet li ssir tabella "No Entry" għal waqt il-ħinijiet tal-ħruġ u d-dħul tat-tfal tal-iskola.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6.7 Dustbins fi Triq Mons Mikiel Azzopardi

Il-Kunsilliera Rita Psaila ipproponiet li jsiru żewġ dustbins fuq il-bankina biswit il-Limestone Heritage.
Il-Kunsill Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.8 Talba għal decorative lamps fil-village core**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li preżentament il-bilanċ tal-*Urban Investment Fund* (UIF) huwa ta' €14,500. Meta tqis li minn dan l-ammont €8,000 huma maħsuba għal żewġ *bus shelters* fi Triq il-Għid u Triq Mons Mikiel Azzopardi, jibqa' bilanċ ta' €6,500. Huwa kompla jgħid li qed jistenna tweġiba mingħand Transport Malta jekk hemmx ħtieġa ta' dawn iż-żewġ *bus shelters*.

Is-Sindku ippropona li ssir applikazzjoni mal-UIF biex nużaw il-bilanċ għal twaħħil ta' numru ta' *decorative lamps*, u fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku, dawn jitwaħħlu fi Triq il-Knisja l-Qadima.

Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.9 Wardens fi żmien il-festa.**

Il-Viċi-Sindku qal li l-Kunsill għandu juża s-servizz ta' żewġ wardens fil-jiem bejn il-Ġimgħa u l-Ħadd tal-festa biex jgħinu fiż-żamma tal-ordni pubblika f'toroq indikati mill-Kunsill. Huwa kompla jgħid li għandha ssir stima u tiġi ippreżentata għad-deċiżjoni fis-seduta li jmiss.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara din is-seduta bħala magħluqa fis-7.30pmu ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **il-Ħamis, 3 ta' Ġunju** fil-5:30pm**.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

| | |
|---|---|
| Il-Perit Robert Musumeci | Nikol Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Konfermati llum il-Ħamis, 3 ta' Ġunju, 2010